QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

IMHALLEF:

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAS-6 TA' APRIL, 2001.

Citazzjoni numru 805/99GC

Lada Motors Ltd.

Vs.

John Calleja

Illum 6 ta' April, 2001.

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf mija u tjejn u sittin liri Maltin (Lm1162), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dok 1 sa 19;

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie interpellat;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli l67-l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli l67-l70 tal-Kodici Civili tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf mija u tnejn u sittin liri Maltin (Lml162), import ta' kambjali minnhu accettati u iffirmati liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghat lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet jirrizultaw pruvati;

Fil-kontimacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta ttrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Dep. Registratur